## 23 ta' April, 1992

## Imħallef: –

## Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Donald Spiteri

## Rikors ta' Appell – Nuqqas ta' Indikazzjoni tas-Sentenza Appellata – Nullità

*Il-ħtieġa li r-rikors ta' appell ikun fih, taħt piena ta' nullità, it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri, raġonevolment u neċessarjament tfisser li għandha tiġi indikata s-sentenza appellata u l-Qorti li ppronunzjata.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Donald Spiteri ppreżentat fit-3 ta' Jannar,

1992 li bih talab ir-revoka ta' sentenza ta' l-20 ta' Diċembru, 1991;

Rat l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali tan-nullità ta' dak ir-rikors stante li fih qiegħda tintalab ir-revoka ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti;

U ttrattata din l-eċċezzjoni, ikkunsidrat illi:

1. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent ippremetta testwalment. "Illi l-esponent ġie akkużat quddiem **dina l-Onorabbli qorti** li fit-13 ta' Settembru, 1991 ....." Ippremetta wkoll: "Illi b'sentenza ta' **dina l-Onorabbli Qorti** l-esponent ġie misjub ħati ....." Fl-istess rikors ir-rikorrent spiċċa biex talab: "Għaldaqstant l-esponent fil-waqt li qiegħed jinterponi appell quddiem **dina l-Onorabbli Qorti** mis-sentenza ta' l-20 ta' Diċembru, 1991 u bil-qima jitlobha sabiex tħassar u tirrevoka fl-intier tagħha s-sentenza appellata.....";

2. Minn dan jidher li r-rikorrent bir-rikors tiegħu qiegħed jappella quddiem din il-Qorti minn sentenza li tat din il-Qorti stess. Evidentement din hija assurdità;

3. Huwa evidenti wkoll però li r-rikorrent bil-kliem "dina l-Onorabbli Qorti" fil-premessi tar-rikors tiegħu qiegħed jirriferixxi għal waħda mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta jew ta' Għawdex. Jidher ċar però li fil-fatt fir-rikors ma ġietx indikata l-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li minnha r-rikorrent qiegħed jappella. Ma jistax jingħad allura li hemm indikazzjoni tas-sentenza appellata, u dana bil-ksur ta' l-artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dana jeħtieġ li r-rikors ta' l-appell ikun fih, taħt piena ta' nullità, "it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-

Qorti Inferjuri''. Dan ir-rekwiżit raġonevolment u neċessarjament jimponi l-indikazzjoni tas-sentenza appellata. (V. Pul. *vs* Joseph Cini, App. Krim. 23-4-92);

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija, u tiddikjara r-rikors ta' l-appell null u f'dan is-sens tiċħad l-appell.